**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 134/2010**

**Francis Grima (KI35346G) u martu Miriam Grima (KI 225052M)**

**vs**

**Lawrence Bugeja (KI 464256M) u martu Alfrida Bugeja (KI 298863M)**

**Illum, 15 ta' Lulju, 2016**

Il-Bord:

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk;

Illi huma jikru lill-intimati l-fond kummercjali li jismu New York Garage, Triq Cali, Mosta versu l-kera ta' €281.10 kull tlett xhur bil-quddiem u l-iskadenza li tmiss taghlaq fl-1 ta' Frar 2011.

Illi l-intimati mhux qed juzaw l-post ghall-ebda skop kummercjali u ghalhekk bidlu d-destinazzjoni tal-fond minghajr il-kunsens tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-istess fond u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimati fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk lilhom prefiss u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid;

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;

2. Illi dak allegat mill-atturi mhux minnu stante li l-intimati qed juzaw bhalma dejjem uzaw il-fond inkwistjoni ghal skop kummercjali u li huma ma biddlu l-ebda destinazzjoni tal-fond de quo;

3. Salv eccezzjonijiet ohr ali jistghu jigu tratti.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tat-18 ta' Lulju 2013;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati tas-07 ta' Novembru 2013;

Ra illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2015 il-partijiet iddikjaraw li se jistriehu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet gia prezentati u l-kawza regghet thalliet ghas-sentenza quddiem il-Bord diversament presedut;

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitolbu zgumbrament ta' l-inkwilin minhabba nuqqas ta' uzu u ghalhekk hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fond. L-intimati jeccepixxu li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi r-rikorrenti ressqu diversi xhieda rigwardanti l-allegazzjoni taghhom tan-non uso. Illi x-xhud Annabella Camilleri, rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizz ta' l-Ilma, esebiet diversi dokumenti. Mid-Dokument AC2 a folio 12 tal-process jirrizultaw diversi dati f'liema l-fond huwa dikjarat "not in use".

Ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali, Philip Borg, fix-xhieda tieghu a folio 21 tal-process jghid li ma rrizultat l-ebda licenzja f'isem Lawrence Bugeja.

Illi l-intimati esebew kopja ta' zewg licenzji mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija fuq isem Alfrida Bugeja, Dok PB1 a folio 25 u 26 tal-process, it-tnejn marbuta mal-fond New York, Cali Street, Mosta. Illi pero fuq l-istess kopji hemm miktub car u tond illi l-ahhar licenzja li thallset kienet fl-1996: "Last License was paid in 1996". Dan ifisser illi allura skond dak imnizzel fl-istess ircevuta u cioe' illi jkun hemm tigdid awtomatiku tal-licenzja ta' wara ghall-perjodu iehor ta' sitt xhur, jekk il-licenzji ta' wara

ma thallsux, u ma ngabet l-ebda prova li thallsu, kif kien jinkombi lill-intimati, l-licenzja ma kinitx tibqa' tigi mgedda. Illi fil-fatt ma ngabet l-ebda prova li fis-snin precedenti ghall-kawza l-licenzji necessarji kienu mhallsin.

Ix-xhieda Vincent Sammut, a folio 27 tal-process u Mario Deguara, a folio 33 tal-process, it-tnejn jghidu li l-hanut ilu snin maghluq, wiehed isemmi ghaxar snin u l-iehor tmien snin.

Illi da parti tieghu l-intimat xehed illi l-fond ghadu jintuza ghall-kummerc. Permezz tan-nota taghhom a folio 57 tal-process, l-intimati ressqu diversi rcevuti skond huma ta' materjal li juzaw ghall-manifattura tal-gelat ecc., a folio 61 sa 79 tal-process. Dawn l-ircevuti pero kollha jgibu d-data tas-sena 2011 u 2012 u cioe' ghaz-zmien wara li nfethet il-kawza. Illi ghalhekk dawn bl-ebda mod ma jsostnu d-difiza tal-intimati.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-Bord huwa tal-fehma li r-rikorrenti ppruvaw ampjament dak allegat minnhom fir-rikors promotur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu ta' zmien tletin (30) jum mil-lum. Spejjez a karigu ta' l-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur